# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 4446/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Emanuel Abela**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Emanuel Abela**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0020553(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-4 ta' Novembru 2023, għal ħabta ta' 9.30hrs, ġewwa Ħal Għaxaq, fil-limiti tal-kamra tan-nar ta' San Ġużepp Għaxaq:

1. ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa, jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-Regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-Regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenzja

li tingħata taħtha u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-iSkeda II jew fl-iSkeda III (uħud minnhom imniżżla fi Skeda I), meta dawk l-għasafar ma ġewx dikjarati mal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 21; jew kienu ġew importati legalment skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b), jew kienu ġew meħuda fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-teħid tagħhom saret skont il-liġi jew b'xi mod ieħor akkwistati b'mod legali skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-UE, jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi uża għasafar bħala taħrik u għajjat li ma kienux imlibbsa ċurkett magħluq b'diametru intern li huwa ta' daqs apposta għall-ispeċi, li ma kienux imlibbsa ċurkett li jintuża darba li kien maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li għandu l-Kodiċi R16U, u jew mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti) mlibbsa ċurkett magħluq u jew bgħula u, jew ibridi, bi ksur ta' kundizzjoni 20 tal-Liċenzja Speċjali għar-Riċerka Fuq is-Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-ħarifa 2023 u Regolament 12(k) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel użu minn żewġ (2) imnasab minn dura waħda bi ksur ta' kundizzjoni 12 tal-Liċenzja Speċjali għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana hekk kif mitlub minn Regolament 12(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja

549.145, u dan bi ksur tat-tielet *proviso* ta' Regolamenti 8(2) u 12(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt Regolament 27 tal-Avviż legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-Avviż legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Ottubru 2024, fejn il-Qorti, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* imqajjma mid-difiża, wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 4(1)(e), it-tielet *proviso* ta' Regolament 8(2) u Regolamenti 12(1), 8(2) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, u Regolamenti 12(k) u 12(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li setgħu jitħallsu permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' ħamsa u tletin Euro (€35). Il-Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess relevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal tliet snin.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: tirrevoka u tannulla s-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha kif dedotti u tilliberah minn kull ħtija u piena. B'mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti tagħti piena aktar idoneja għall-każ in kwistjoni billi tirriduċi l-multa u/jew tirriduċi s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess relevanti maħruġ lill-appellant taħt il-Liġi Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-15 ta' Novembru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Ottubru 2024.

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardaw insib illegali b'dan illi fl-4 ta' Novembru 2023 għal-ħabta tad-9.30hrs, il-Pulizija rċevew informazzjoni li wara l-kamra tan-nar ta' Ħal Għaxaq kien hemm persuna li kienet qed tonsob b'aktar minn mansab wieħed mill-istess dura. Minn investigazzjoni li saret fuq is-sit il-Pulizija sabu lill-appellant fejn eventwalment ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti b'numru ta' imputazzjonijiet.

Illi l-appellant iressaq numru ta' aggravji fir-Rikors tal-appell tiegħu. Dawn l-aggravji huma s-segwenti:

- L-ewwel aggravju jirrigwarda riferenza li hemm fis-sentenza appellata għall-affidavits ta' PC 541, PC 1268 u PC 1347 fejn jgħid li dawn l-affidavits qatt ma ġew eżebiti;

- It-tieni aggravju jirrigwarda l-affidavits ta' PS 661 Grech u PC 47 Briffa fejn l-appellant jgħid li allegatament dawn ma sarux *ai termini* tal-liġi u li għalhekk għandhom jiġu skartati;

- Fit-tielet aggravju l-appellant jisħaq li s-sentenza appellata hija nulla u jargumenta li filwaqt li fl-ewwel paġna tas-sentenza msemmija huwa ġie akkużat talli *"nhar l-24 ta' Ottubru 2023, għal ħabta ta' 13:50hrs, fl-inħawi ta' Munxar, Marsaskala"*, fit-tieni faċċata fejn l-Ewwel Qorti bdiet tagħmel

il-konsiderazzjonijiet tagħha hemm imniżżel li huwa kien qed jiġi akkużat li *"fl-24 ta' Ottubru 2023 għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar"*;

- Fir-raba' aggravju jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel għandha tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tielet aggravju tal-appellant b'dan illi f'każ li dan l-aggravju jintlaqa' ma jkunx hemm bżonn li jsiru konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji l-oħra.

**Ikkunsidrat**

Illi kif diġa' ngħad hawn fuq, fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li s-sentenza appellata hija nulla u jisħaq li filwaqt li fl-ewwel paġna tas-sentenza msemmija huwa ġie akkużat talli *"nhar l-24 ta' Ottubru 2023, għal ħabta ta' 13:50hrs, fl-inħawi ta' Munxar, Marsaskala"*, fit-tieni faċċata fejn l-Ewwel Qorti bdiet tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha hemm imniżżel li kien ġie akkużat li *"fl-24 ta' Ottubru 2023 għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar"*.

Illi dwar l-aggravju in eżami jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għaċ-ċitazzjoni li biha l-appellant allura imputat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti u kif ukoll għas-sentenza appellata.

Illi din il-Qorti tinnota li fiċ-ċitazzjoni l-appellant allura imputat ġie mixli (*a fol.* 6):

> *"talli nhar l-04 ta' Novembru 2023, għal ħabta ta' 9.30hrs, ġewwa Ħal Għaxaq, fil-limiti tal-kamra tan-nar ta' San Ġużepp, Għaxaq"*

meta fis-sentenza appellata jingħad li ġie mixli bis-segwenti (*a fol.* 89):

> *"talli nhar l-24 ta' Ottubru 2023, għal ħabta ta' 13:50hrs, fl-inħawi ta' Munxar, Marsaskala"*.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota wkoll li mentri fiċ-ċitazzjoni li biha l-appellant allura imputat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti hemm imniżżla erba' imputazzjonijiet, fis-sentenza appellata hemm imniżżla ħames imputazzjonijiet. Għadu jingħad li filwaqt li l-erba' imputazzjonijiet li ġew elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza huma l-imputazzjonijiet li ġew addebitati lill-appellant allura imputat meta huwa ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti, għandu jingħad ukoll li fis-sentenza appellata hemm imniżżla bin-numru ħamsa (5) is-segwenti imputazzjoni:

> "5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, nasab fuq sit li ma ġiex irreġistrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, bi ksur ta' Kundizzjoni 11 tal-liċenzja speċjali għar-riċerka fuq is-seba' speċi tal-għasafar tal-għana fil-ħarifa tal-2023, u bi ksur ta' Regolament 12(d) tal-L.S. 549.145 u bi ksur tat-tieni *proviso* ta' Reg. 8(2) ta' L.S. 549.42."

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib ħtija fl-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellant allura imputat li jfisser li l-Ewwel Qorti kienet qed issib lill-imputat ħati wkoll ta' dik li ġiet enumerata bħala l-ħames (5) imputazzjoni fis-sentenza mentri fil-verita' din ma kinitx imniżżla fiċ-ċitazzjoni. Dan qiegħed jingħad apparti dak li diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn fiċ-ċitazzjoni l-appellant ġie mixli fir-rigward tal-4 ta' Novembru 2023 għal ħabta ta' 09:30hrs ġewwa Ħal Għaxaq fil-limiti tal-kamra tan-nar ta' San Ġużepp, Għaxaq mentri fis-sentenza appellata ssir riferenza għall-24 ta' Ottubru 2023 għal ħabta ta' 13:50hrs fl-inħawi ta' Munxar, Marsascala.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dak li ngħad minnha aktar 'il fuq f'din is-sentenza jġib miegħu in-nullita' tas-sentenza appellata u dana peress li hi karenti fl-osservanza ta' formalita' essenzjali bi ksur ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma setgħetx l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha l-ewwel tagħmel elenku tal-imputazzjonijiet li tagħhom skont hi l-appellant kien akkużat bihom quddiemha mentri fil-verita' ma kienx addebitat dawk l-imputazzjonijiet eżatt. Apparti minn dan, għal kull buon fini jingħad li fid-*decide* tas-sentenza appellata lanqas hemm imniżżel l-Artikolu tal-liġi (hekk kif rikjest minn Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) li minnu temerġi dik li ġiet ndikata bħala l-ħames (5) imputazzjoni fis-sentenza appellata, liema artikolu kellu jitniżżel ġialadarba l-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib lill-appellant allura imputat ħati tal-imputazzjonijiet li hija elenkat fis-sentenza appellata! Id-differenza tad-data, tal-lok u tal-ħin fejn allegatament seħħew l-imputazzjonijiet li l-appellant allura imputat ġie mixli bihom (ossia meta wieħed iqabbel dawn id-dettalji bejn iċ-ċitazzjoni u s-sentenza appellata) huwa żball gravi ieħor li din il-Qorti ma tistax tinjora.

Illi din il-Qorti jidhrilha illi dak imsemmi hawn fuq iwassal għan-nullita' tas-sentenza appellata liema nullita' hija waħda tali li timporta aktar milli ksur ta' formalita' essenzjali stante illi d-dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat ma kienux jaqblux eżatt ma' dak li l-appellant allura imputat ġie akkużat bih fiċ-ċitazzjoni u dana aktar u aktar meta d-data, l-ħin u l-lok anqas jaqblu!

Illi għalhekk din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju in eżami b'dan illi ma hemmx il-ħtieġa li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji l-oħra mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage** (Numru 464/2010).

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-tielet aggravju mressaq mill-appellant Emanuel Abela fis-sens li qed tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**